# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 859/14/1 LM**

**Samuel Leone Ciantar**

**v.**

**Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited (C 17421)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Samuel Leone Ciantar minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Novembru, 2018, fejn din ċaħdet it-talbiet tiegħu għaliex sabet li kien huwa stess li kien jaħti għall-korriment tiegħu, waqt l-inċident li seħħ nhar it-3 ta' Jannar, 2012, fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-2 ta' Ottubru, 2014, l-attur appellant fisser li huwa impjegat mal-kumpanija konvenuta appellata bħala lavrant. Jgħid li nhar it-3 ta' Jannar, 2012, waqt li kien qiegħed jaħdem fuq inkarigu tal-istess kumpanija kien involut f'inċident li seħħ ġewwa Triq il-Pitkali, Ħ'Attard. Ifisser li b'konsegwenza ta' dan l-inċident huwa ġarrab diżabilità permanenti. Isostni li għal dan l-inċident taħti l-kumpanija appellata minħabba *unsafe work practices,* traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti li jħarsu lill-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. Għaldaqstant jgħid li ġarrab danni kbar f'*lucrum cessans* u f'*damnum emergens.*

3. L-attur appellant fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-3 ta' Jannar, 2012 ġewwa Triq il-Pitkali, Ħ'Attard, u li fih korra l-attur bil-konsegwenza li sofra danni fuq il-persuna tiegħu;*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' Novembru, 2013 u bl-imgħaxijiet legali, kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni".*

4. Il-kumpanija konvenuta appellata ressqet risposta maħlufa fis-27 ta' Ottubru, 2014 u fiha qalet hekk:

*"1. Illi s-soċjetà konvenuta tiċħad l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi l-attur naqas milli jesponi u jippreżenta dettalji dwar l-inċident relattiv, b'mod illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tagħmel apprezzament ta' fatti permezz tar-rikors promotur;*

*3. Illi madankollu s-soċjetà konvenuta sejra telenka d-dettalji tal-każ u kif il-fatti żvolġew, tant li l-inċident surriferit seħħ unikament minħabba traskuraġni, u nuqqas ta' kont u ħila tal-attur;*

*4. Illi, fit-3 ta' Jannar, 2012, ċertu Aleandro Parnis, impjegat bħala truck driver mas-soċjetà esponenti, ngħata ordni sabiex isuq u jittrasporta vettura kummerċjali magħrufa bħala tugmaster minn Ta' Qali sal-bitħa ossia yard tas-soċjetà esponenti li tinsab fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard;*

*5. Illi bil-għan li tingħata deskrizzjoni tal-vettura relattiva, ċjoè tugmaster, din tikkonsisti minn truck, magħruf ukoll fl-industrija bħala 'żiemel', li għandu kabina 'single seater', li jintuża appożitament sabiex jigganċja u jiġbed trailers għall-ġarr ta' containers;*

*6. Illi s-soċjetà esponenti tiċċara li s-soċjetà esponenti ma ħarġet ebda ordni sabiex l-attur jassisti lil Parnis, u li fil-fatt fuq kull inkarigu ta' trasport dejjem ikun preżenti biss xufier wieħed, li qatt ma jkun assistit;*

*7. Illi f'dan is-sens is-soċjetà esponenti tista' biss tikkonkludi li ż-żewġ ipoteżi plawsibbli huma li jew kien Parnis (mingħajr awtorizzazzjoni) li sejjaħ lill-attur sabiex jakkumpanjah, jew alternattivament kien l-attur stess (ukoll mingħajr awtorizzazzjoni) li naqas mill-obbligi tiegħu u li rikeb fuq it-tugmaster fil-vjaġġ relattiv;*

*8. Illi inkarigat fil-vettura relattiva kien biss Aleandro Parnis, skont direzzjoni ta' Etienne Mallia, superjur tiegħu, li tah ordni ċara sabiex, kif ingħad, jittrasporta t-tugmaster minn Ta' Qali sal-bitħa ossia yard fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard;*

*9. Illi ulterjorment, is-soċjetà esponenti ma tistax tifhem kif, għal raġunijiet kategorikament barra mid-direzzjoni jew ordni tal-prinċipali u/jew is-superjuri tiegħu, l-attur iddeċieda jitla' fuq it-tugmaster, tant li meta l-vettura misjuqa minn Parnis daret għal ġewwa l-entrata tal-yard fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard, l-attur safa inkastrat bejn il-vettura u t-trailer ossia karru;*

*10. Illi b'mod kategoriku, u in anteprima, is-soċjetà konvenuta tiċħad li b'xi mod kienet qatt xi darba tordna jew tidderieġi li impjegat jitla' fuq il-*

*vettura – partikolarment minħabba l-periklu ċar u manifest, liema deċiżjoni kienet unikament tal-attur u kompletament barra mid-direzzjonijiet jew ordnijiet jew taħriġ mill-management jew operat tas-soċjetà esponenti! – inċidentalment, wieħed għandu jsemmi wkoll li f'għoxrin sena ta' operat is-soċjetà esponenti qatt ma kellha inċidenti ta' din in-natura, u qatt ma ħarġet ordni jew inkarigu kif allegat mill-attur, ordni li hija kompletament barra mill-prassi;*

*11. Illi għalkemm il-fatt li seħħ inċident mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà esponenti, skont ir-rapport mediku redatt mill-kirurgu Mr C. J. Sciberras (ippreżentat mill-attur), jidher ċar u inekwivoku li l-ewwel intervent kirurġiku magħmul mill-attur kellu jiġi korrett permezz ta' intervent ieħor fit-18 ta' Jannar, 2012;*

*12. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'dan is-sens, in-ness tad-danni reklamati mill-attur huwa wkoll disputabbli fid-dawl tar-rapport mediku msemmi, b'dan illi jitqajjem dubbju minn fejn tirriżulta d-debilità permanenti riportata – jekk huwiex mill-inċident innifsu jew mill-ħtieġa ta' intervent ta' korrezzjoni, dejjem skont dak espost mill-kirurgu Mr C. J. Sciberras li eżamina lill-attur, u kif sejjer jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;*

*13. Illi ulterjorment, in-nuqqas ta' għaqal tal-attur f'din l-okkażjoni, ma kienx każ iżolat – fil-passat l-attur ma esegwiex l-ordnijiet u d-direzzjoni tal-prinċipali u s-superjuri tiegħu, fejn ġie mwissi kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub mill-prinċipali tiegħu illi l-komportament u l-imġieba tiegħu fuq ix-xogħol ma kinux sodisfaċenti, u di più, kien ukoll kisser battery operated lift truck unikament minħabba traskuraġni tiegħu, li wassal għal danni għas-soċjetà esponenti ammontanti f'eluf ta' Euro;*

*14. Illi in segwitu tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-attur ma rrapurtax għax-xogħol u li s-soċjetà esponenti dejjem ottemperat ruħha mal-obbligi tagħha ta' prinċipal skont il-liġi;*

*15. B'riżerva illi s-soċjetà konvenuta titlob in-nomina ta' periti nominandi, b'riferenza għad-danni reklamati mill-attur.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti tirrespinġi l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.*

*Bl-ispejjeż".*

5. B'sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru, 2018, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi peress li sabet li kien l-attur stess li kien jaħti għall-

korriment tiegħu, waqt l-inċident li seħħ nhar it-3 ta' Jannar, 2012 fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard, bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-istess attur.

6. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*"**Konsiderazzjonijiet legali***

*Il-Qorti evalwat il-provi miġjuba quddiemha, minn fejn jirriżulta inkonsistenzi bejn il-verżjoni mogħtija mill-attur u dik mogħtija mis-soċjetà konvenuta, fir-rigward ta' dak li ġie allegat mill-attur li s-soċjetà konvenuta allegatament kellha l-prassi li tippermetti, jekk mhux addirittura tqabbad, żewġ impjegati minn tagħha jitilgħu fuq it-tugmaster maħsub għall-użu minn persuna waħda, xi ħaġa li l-esponenti tas-soċjetà konvenuta jiċħdu bil-qawwa kollha. L-attur min-naħa tiegħu insista li hu f'għadd ta' okkażjonijiet kien jintbagħat mas-sewwieq tat-tugmaster sabiex jassistih billi jgħinu fl-immanuvrar tiegħu f'sitwazzjonijiet li jkunu diffikultużi, bħal meta l-container li jrid jinġarr ikun qalb is-siġar, u għalhekk is-sewwieq tat-tugmaster ikollu bżonn l-assistenza ta' xi ħadd biex ikun jista' jimmanuvra t-trakk sew. Min-naħa tagħhom l-esponenti tas-soċjetà konvenuta ċaħdu dan kollu u qalu li t-tugmaster hu apparat sofistikat biżżejjed biex min ikun qiegħed isuqu ma jkollu bżonn l-assistenza ta' ħadd.*

*Quddiem dawn id-diverġenzi fil-provi, il-Qorti trid tevalwa l-provi fl-assjem tagħhom sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet x'aktarx li qiegħed jgħid is-sewwa, u liema mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, hi l-aktar waħda verosimili. Il-Qorti tqis li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[1]*. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet*[2]*.*

*Fil-każ odjern il-Qorti kkunsidrat it-teżi attriċi, fejn ġie spjegat li dakinhar tal-inċident, bħal drabi oħra fil-passat, l-attur intbagħat fuq it-tugmaster ma' kollega tax-xogħol tiegħu, u dan minħabba li l-container li kien hemm il-ħtieġa li jinstaq minn Ta' Qali sa Ħ'Attard kien f'post li skont dak li allega l-attur, kien jirrikjedi li s-sewwieq tat-tugmaster jiġi assistit*

[1] ***Borg v. Bartolo***, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.

[2] 2 Vide wkoll ***Caruana v. Laurenti***, P.A., 08.04.1994, ***Borg v. Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib***, P.A., 17.07.1981, ***Vassallo v. Pace*** (Vol.LXX.II.144) u ***Zammit v. Petrococchino***, App.Kum., 25.02.1952.

*minn persuna oħra. Din it-teżi mhi korroborata minn l-ebda xhud ieħor, lanqas mill-kollega tax-xogħol tal-attur, Aleandro Parnis, li meta ġie mitlub jispjega qal li ma setax jifhem x'kienet ir-raġuni għalfejn l-attur tela' fuq il-parti ta' wara tal-kabina tat-tugmaster, u li hu ħaseb li dan kien intbagħat minn xi ħadd mis-superjuri tiegħu, minkejja li din il-ħaġa ma kienet ġrat qatt qabel. Parnis ikkonferma li la Etienne Mallia u lanqas Edin Mujic ma kienu taw ordni fis-sens li hu u l-attur kellhom imorru jġibu t-trailer flimkien. Anki l-esponenti tas-soċjetà konvenuta ċaħdu li kienu huma li bagħtu lill-attur mas-sewwieq tat-tugmaster*.

*Min-naħa l-oħra l-Qorti hi rinfaċċjata bi stampa ċara tal-modus operandi tas-soċjetà konvenuta, li minkejja li tisħaq li tagħti importanza lit-taħriġ tal-impjegati tagħha u lir-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, min-naħa l-oħra jidher li ma tqis li hemm xejn barra minn loku li ġuvni ta' sittax-il sena, li evidentement la għandu liċenzja tas-sewqan u lanqas għandu liċenzja speċjali biex jopera ċerti inġenji, jintbagħat fi triq pubblika jsuq apparat bħalma hu t-tugmaster u jintalab iġorr container permezz tiegħu. Mill-provi rriżulta li Aleandro Parnis kellu tmintax-il sena meta seħħ l-inċident, għalkemm dan ikkonferma li hu kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta għal aktar minn sentejn, u li tul dawn is-sentejn hu ntalab isuq it-tugmaster f'numru ta' okkażjonijiet. L-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu evażivi meta mistoqsija dwar jekk is-sewwieq tat-tugmaster dakinhar tal-inċident kellux il-liċenzja biex jagħmel dan, u Etienne Mallia, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta, saħansitra qal li biex jinstaq tugmaster la hemm bżonn liċenzja u lanqas hemm bżonn li dan jiġi rreġistrat, u dan minkejja li t-tugmaster jinstaq fi triq pubblika. Jirriżulta wkoll li d-diriġenti tas-soċjetà konvenuta la ċemplu għall-assistenza medika u lanqas talbu għall-assistenza tal-Pulizija wara li seħħ l-inċident, xi ħaġa din li timplika li d-diriġenti tas-soċjetà konvenuta kienu jafu li kien hemm nuqqasijiet fl-operat tagħhom, liema nuqqasijiet huma riedu jostru. Jekk l-attur, kif allegaw l-esponenti tas-soċjetà konvenuta, kien hu li qiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' periklu, ċertament li s-soċjetà konvenuta kienet naqset mid-dmirijiet tagħha bħala employer meta ppermettiet li sewwieq taħt l-età, li m'għandu l-ebda liċenzja tas-sewqan, jingħata taħriġ fuq l-użu tat-tugmaster[3], u agħar minn hekk, li jitħalla jsuq trakk bħal dak, u joħroġ bih fi triq pubblika.*

*Meta mistoqsi dwar id-dinamika tal-inċident, is-sewwieq tat-tugmaster, Aleandro Parnis qal li hu kien skiddja, bir-riżultat li l-attur spiċċa maqbud bejn il-container u t-tugmaster.*

*Illi kif kellha l-okkażjoni tistabbilixxi din il-Qorti fid-deċiżjoni li tat fl-ismijiet* ***Philip Vassallo vs. Malta Freeport Terminals***[4]*:*

> *"... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-*

[3] Skont dak li xehed Edin Mujic.
[4] 21.03.2016

*regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.*

*Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

*Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).*

*Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-bonus paterfamilias. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.*

*Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:*

> *'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson*** *(1932 A.C. 562). In* ***Davie vs. New Merton Board Mills Ltd****., (1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' – Charlesworth & Percy on Negligence (Ninth Edition, 1997).'*

*Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.*

*Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).*

*Illi l-artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li*

*fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:*

*(a) Li jiġi evitat riskju;*

*(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;*

*(f) Billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

*Il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Felix Xerri vs. Beechwood Limited*** *fit-3 ta' April, 2009:*

*"Għar-rigward il-prinċipji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna timponi obbligi severi fuq min iħaddem biex jassigura 'a safe environment' fuq il-post tax-xogħol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji u meħtieġa biex tiġi salvagwardjata l-inkolumità tal-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, dan ma jwassalx għall-kunċett ta' 'strict liability' ta' min iħaddem, u l-impjegat li jweġġa' fuq ix-xogħol huwa obbligat li jipprova li l-inċident seħħ b'responsabbilità ta' min iħaddem. Lanqas ma jista' jgħid li teżisti xi preżunzjoni jew, kif sejħitilha l-ewwel Qorti, 'kważi preżunzjoni' ta' responsabbilità ta' min iħaddem kull meta jseħħ inċident li fih iweġġa' ħaddiem. Hu obbligu tal-ħaddiem li juri u jipprova li l-inċident seħħ konsegwenza ta' nuqqas ta' min iħaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-liġi jew bil-ġurisprudenza in subjecta materia."*

*Qabel kull ħaġa oħra l-Qorti għandha tistħarreġ dwar min kien tabilħaqq responsabbli għall-korriment tal-attur meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Il-fatt li Aleandro Parnis, is-sewwieq tat-tugmaster, ma kienx*

*liċenzjat biex isuq dan it-trakk kif rikjest mil-liġi u għad ukoll li dan is-sewwieq seta' kien negliġenti fil-qadi ta' dmirijietu meta t-tugmaster misjuq minnu spiċċa jiskiddja fl-entratura tal-bitħa tas-soċjetà konvenuta, dan kollu jista' jitqies li huwa irrilevanti jekk fl-aħħar mill-aħħar jiġi stabbilit illi l-preżenza tal-attur fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tat-tugmaster ma kinitx rikjesta mis-superjuri tiegħu bħala parti mid-dmirijiet tax-xogħol tiegħu. Lil hinn mill-imsemmija nuqqasijiet da parti tas-soċjetà konvenuta, dak li jrid jiġi stabbilit mill-Qorti f'din il-kawża huwa jekk fil-mument tal-inċident l-attur kienx qiegħed fuq in-naħa ta' wara l-kabina tat-tugmaster bħala parti mid-dmirijiet tiegħu fuq inkarigu tas-superjuri tiegħu, jew inkella kienx qiegħed hemmhekk biss fuq inizjattiva tiegħu. Fl-eventwalità li jiġi stabbilit li fil-mument tal-inċident l-attur ma kienx wara l-kabina tat-tugmaster fuq inkarigu tas-superjuri tiegħu imma biss fuq inizjattiva tiegħu, evidentement ir-responsabbiltà għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni tkun unikament kollha tal attur u s-soċjetà konvenuta m'għandhiex iġġor l-ebda responsabbiltà għall-akkadut.*

*L-attur bl-ebda mod ma pprova dak li kien tenut li jipprova, lanqas fuq bażi ta' probabbiltajiet, li meta kien fuq il-parti ta' wara tal-kabina tat-tugmaster huwa kien qiegħed hemmhekk fuq struzzjonijiet tas-superjuri tiegħu jew għax kien qiegħed isegwi proċeduri normalment segwiti f'ċirkostanzi simili mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta. Mill-provi jirriżulta li t-tugmaster adoperat mis-soċjetà konvenuta kien attrezzat b'tali mod li fit-tħaddim tiegħu is-sewwieq ma jkollux bżonn l-assistenza ta' persuna oħra. Aleandro Parnis, xhud imressaq mill-attur stess, li kien ħabib u kollega tax-xogħol tal-attur, fix-xhieda tiegħu jgħid b'mod ċar li ma setax jifhem x'kienet ir-raġuni għalfejn l-attur tela' fuq il-parti ta' wara tal-kabina tat-tugmaster, tant li ħaseb li dan kien intbagħat minn xi ħadd mis-superjuri tiegħu, minkejja li din il-ħaġa ma kienet qatt ġrat qabel. Barra minn hekk Parnis ikkonferma li la Etienne Mallia u lanqas Edin Mujic ma kienu taw ordni fis-sens li hu u l-attur kellhom imorru jġibu t-trailer flimkien. Min-naħa tagħhom id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta ċaħdu b'mod kategoriku li huma kienu bagħtu lill-attur mas-sewwieq tat-tugmaster jew li kien hemm xi okkażjonijiet oħrajn fejn kienu għamlu dan.*

*Il-fatt li l-attur korra fil-mument li skiddja t-tugmaster misjuq minn Leandro Parnis, impjegat tas-soċjetà konvenuta, minnu nnifsu m'għandux iwassal biex ir-responsabbiltà għall-korriment tal-attur tiġi mgħobbija awtomatikament fuq is-soċjetà konvenuta, jekk jiġi stabbilit li l-attur ma kellux ikun fejn kien fil-mument li skiddja t-tugmaster. Ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel*[5]*. Fuq kollox il-ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u m'għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew korriment lilu u 'l dawk ta' madwaru.*[6] *Skont ir-regola aċċettata fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna volenti non*

[5] P.A., 30.10.2008, ***Richard Farrugia v. Elbros Construction Limited***.
[6] P.A., 09.10.2003, ***Kevin Mallia v. Alf Mizzi & Sons Limited***.

*fit iniuria, ċjoè jekk il-parti li sofriet id-danni tkun għażlet minn rajha u b'mod volontarju li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax imbagħad titlob il-kumpens għal dak li seta' ġralha minħabba l-imsemmi periklu. L-element tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti li sofriet il-korriment, huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn att ta' ubbidjenza għall-istruzzjonijiet mogħtija mis-superjuri tagħha fuq il-post tax-xogħol*[7].

*Onus incumbit ei qui dixit. Il-Qorti tqis illi in vista tal-fatt li l-asserzjoni prinċipali tal-attur li fuqha bbaża t-talbiet tiegħu, li fil-mument li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, huwa kien bilqiegħda wara l-kabina tat-tugmaster fuq inkarigu tas-superjuri tiegħu jew għax kien qiegħed isegwi xi proċedura stabbilita mill-prinċipal tiegħu, bl-ebda mod ma ġiet ikkorraborata u ma ġietx ippruvata lanqas fuq bażi ta' probabbiltajiet. Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda. Is-soċjeta konvenuta m'għandhiex tinżamm responsabli għall-korriment tal-attur ladarba dan meta tela' fuq wara tal-kabina tat-tugmaster u espona ruħu għar-riskju evidenti li jisfa mgħaffeġ bejn it-trailer u t-trakk, ma kienx għamel dan fuq inkarigu ta' xi wieħed mis-superjuri tiegħu bħala parti mix-xogħol tiegħu mas-soċjetà konvenuta.*

*Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talbiet attriċi ladarba l-ewwel talba attriċi mhijiex qed tiġi milqugħa".*

7. L-attur Samuel Leone Ciantar appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fis-6 ta' Diċembru, 2018, b'aggravju waħdieni fejn isostni li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi.

8. Il-kumpanija konvenuta wieġbet għal dan l-appell fit-22 ta' Novembru, 2018 u fir-risposta hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Inżamm smigħ fis-27 ta' April, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

---

[7] P.A., 07.12.2004, ***Carmel Polidano v. Korporazzjoni Enemalta.***

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Fl-aggravju waħdieni tiegħu, l-appellant isostni li kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti l-verżjoni mogħtija minnu kienet mhux biss korroborata minn xhieda indipendenti, ċjoè Aleandro Parnis, iżda ngħatat b'mod dettaljat ir-raġuni għalfejn il-kumpanija appellata kienet tadotta tali prassi, ċjoè li tibgħat żewġ impjegati fuq *tugmaster* li kien *single seater.*

11. L-appellant jgħid li l-pern tal-kwistjoni hija jekk fil-mument tal-inċident huwa kienx fuq it-*tugmaster* fuq struzzjonijiet tas-superjuri tiegħu. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma għarblitx sew ix-xhieda ta' Aleandro Parnis għaliex dan ix-xhud, skont l-appellant, ammetta diversi drabi, f'seduti differenti, li kemm-il darba kien hemm okkażjonijiet fejn, fuq struzzjonijiet tas-superjuri tagħhom, żewġ persuni kienu jintbagħtu sabiex iħaddmu *tugmaster* li huwa *single seater*. Barra minn hekk, jargumenta li mill-provi jirriżulta li kien hemm ħtieġa li jkun hemm żewġ persuni.

12. B'żieda ma' dan, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti importanza għall-fatt li x-xufier lanqas biss kellu liċenzja tas-sewqan. Fatt li, skontu, juri li l-kumpanija konvenuta qatt ma tat każ is-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema u lanqas tal-pubbliku in b'mod ġenerali meta timpjega

xufiera u tibgħathom iġibu kontejners minn toroq pubbliċi meta lanqas biss ikollhom liċenzja tas-sewqan. Jgħid li mhux biss Edin Mujic bagħtu biex jgħin lil Aleandro Parnis, iżda li l-kumpanija konvenuta ppruvat taħbi l-akkadut billi lanqas għarrfet lill-Pulizija fil-pront. Meta l-Pulizija marret fuq il-post tal-inċident, wara li saret taf meta huwa ġie rikoverat l-isptar, ix-xena tal-inċident ma baqgħetx mittiefsa.

13. Il-kumpanija appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi rreferiet għall-provi u x-xhieda mressqa quddiem l-Ewwel Qorti u tgħid li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet tajba u għandha tiġi kkonfermata.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-aggravju tal-attur appellant jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, kif ingħad drabi oħra, ir-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli, jew jinsab kontradett mill-fatti riżultanti mill-proċess (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Agius v. Piju Theuma***). Madankollu, huwa minnu wkoll li: "*il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta'*

*reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"* (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et v. Nazzareno Grech***; u dik tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***).

15. Illi qabelxejn ladarba dan il-każ jirrigwarda inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol tal-attur appellant, ikun utli li ssir referenza għall-prinċipji legali li jsawru din it-tema.

16. Jista' jingħad li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021 fl-ismijiet ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited*** ġabret il-prinċipji ġenerali dwar każijiet bħal dak tal-lum:

> *"21.Fejn jidħlu inċidenti fuq il-post tax-xogħol, meta persuna tkorri waqt li tkun qiegħda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq min ikun weġġa (l-attur). Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu*

*bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjetà appellata Panta Contracting Limited li f'dan il-kamp m'għandux jiġi adoperat il-kunċett ta' strict liability. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April, 2009 fil-kawza fl-ismijiet* ***Felix Xerri v. Beechwood Limited****.) Dana peress li, il-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li seħħ, kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas ta' min iħaddem jew tas-soċjetà li kien qiegħed jaħdem fil-proprjetà tagħha u li dak li ġara ma jkunx konsegwenza ta' aġir jew nuqqas tiegħu stess.*

*22.Tajjeb tiġi enfasizzata r-regola ġenerali f'dan il-qasam li, min iħaddem irid jipprovdi a safe system of work. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet* ***George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et****). Hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li da parti tiegħu għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Fil-verità, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tapplika wkoll liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem (Att dwar l-Awtorità ghas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Kap. 424). Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittieħdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6(2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).*

*23. Min-naħa l-oħra, il-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7(1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7(2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa ritenut li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet* ***Peter Ronald v. Polibon Construction Limited****:*

> *"Huwa minnu li d-datur tax-xogħol għandu obbligu li jħares l-inkolumità tal-impjegati tiegħu u dana billi jipprovdi dak li jissejjaħ 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Għandu wkoll jaċċerta ruħu li l-impjegati tiegħu jkunu mħarrġa sew dwar ix-xogħol li jkunu mistennija li jagħmlu. Però daqstant għandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess tagħhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew mogħtija lilhom mill-employer u inoltre jaġixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumità tagħhom. "*

…

*"L-attenzjoni meħtieġa mis-soċjetà konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad ogħla, u ladarba jirriżulta li kien hemm sorveljanza kontinwa u li kienet ingħatat l-ordni speċifika biex ma jiġux ezegwiti dawk ix-xogħlijiet li eventwalment wasslu għall-inċident, l-istess soċjetà konvenuta ssodisfat dan l-obbligu tagħha u konsegwentement ma tistax tinsab responsabbli għall-akkadut billi l-attur iddiżobbedixxa ordni espressa tad-datur tax-xogħol tiegħu".*

17. B'dawn il-prinċipji f'moħħ din il-Qorti, sar eżami mill-ġdid tal-atti proċesswali u jidhrilha li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex din il-Qorti titbiegħed f'parti biss mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan hekk kif se jiġi mfisser fil-paragrafi li se jsegwu.

18. Jirriżulta li l-attur kien ilu madwar sitt xhur jaħdem mal-kumpanija konvenuta bħala lavrant u xufier. Mhux kontestat li fit-3 ta' Jannar, 2012 l-attur weġġa' fuq il-post tax-xogħol u li b'konsegwenza ta' dan l-inċident huwa spiċċa rikoverat l-Isptar Mater Dei u kellu jiġi operat darbtejn. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-attur qiegħed isofri minn diżabilità permanenti.

19. Fl-affidavit tiegħu, l-attur fisser li l-proċedura għall-ġarr tal-kontejner hija billi l-kontejner jitqabbad mal-vettura *tugmaster,* jitwaħħlu l-pajpijiet tal-arja bejn it-trakk u l-kontejner u b'hekk meta trakk jiġi misjuq, il-kontejner jinġibed. Jgħid li kemm dam jaħdem mal-kumpanija appellata dejjem żewġ persuni kienu jmorru allavolja t-trakk għandu siġġu wieħed. Isostni li kienu jmorru tnejn biex ikunu jistgħu jimmanuvraw it-trakk aħjar billi wieħed isuq, filwaqt li l-ieħor jagħtih direzzjoni. Jgħid li dakinhar tal-inċident kien ingħata ordni sabiex imur ma' Aleandro Parnis biex imorru

Ta' Qali u jġibu kontejner ġewwa l-bitħa fi Triq il-Pitkali ġewwa Ħ'Attard. Jgħid ukoll li wara l-inċident tiegħu, ingħata ordni mid-diriġenti biex fuq trakk inkwistjoni tmur biss persuna waħda. Fil-kontroeżami[8] l-appellant qal li huwa baqa' impjegat mal-kumpanija appellata, anke jekk ma jmurx xogħol, b'dan li ma jitħallasx. Qal li l-imgħallem tiegħu kien Etienne Mallia, li ma kienx ikun fil-bitħa kuljum, u fin-nuqqas tiegħu l-istruzzjonijiet kien jagħtihom Edin Mujic. Fisser li xogħlu kien li jaħsel it-*trailers* u xogħol ieħor tal-*yard*. Mistoqsi dwar dakinhar tal-inċident, l-attur wieġeb li l-ħaddiema kienu miġburin u Edin Mujic qal lilu u lil Aleandro Parnis biex imorru jniżżlu l-kontejner. Huwa kkonferma li t-*tugmaster* jieħu persuna waħda u jgħid li filwaqt li jaqbel li s-siġġu jdur iżda jekk idur is-siġġu xorta mhux se jara x'hemm warajh għaliex jiġi quddiem qisu ħajt għaliex ikollok il-kontejner quddiemek. Min-naħa l-oħra meta nqratlu x-xhieda ta' Etienne Mallia dwar id-deskrizzjoni tat-*tugmaster* u kif jaħdem huwa qabel magħha. Ikkonferma li wara dakinhar tal-inċident huwa kien barra l-kabina u kien wara dahar ix-xufier. Qal ukoll li huwa ġieli rikeb fuq wara ma' Etienne Mallia u Edin Mujic.

20. Id-direttur tal-kumpanija Alessandro Mallia[9] xehed li l-ordni biex trakk bħal dak li fuqu weġġa' l-attur kellu jintuża biss minn persuna waħda kienet teżisti qabel ma seħħ l-inċident. Min-naħa tiegħu, id-direttur tal-kumpanija Famalco Holdings Limited (li l-kumpanija konvenuta hija

[8] 31 ta' Mejju, 2017.
[9] 9 ta' Ġunju, 2016.

sussidjarja tagħha), fl-affidavit tiegħu saħaq li bħala grupp ta' kumpaniji jagħtu importanza u prijorità assoluta lit-taħriġ regolari tal-impjegati, kif ukoll jagħmlu ċert li jittieħdu l-miżuri kollha għas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol.

21. Etienne Mallia, direttur tal-kumpanija Famalco Holdings Limited, fisser li t-*tugmaster* huwa makkinarju li min-natura tiegħu huwa maħsub biex jinstaq u jitħaddem bil-kumdità kollha minn xufier wieħed biss. Dan għandu siġġu wieħed biss, bl-ebda parti tiegħu ma hija maħsuba biex titla' fuqu xi pesuna oħra. Qal li x-xufier għandu wkoll il-faċilità li minn fuq is-siġġu jirranġa l-għoli tal-ganċ b'mod awtomatiku sabiex jillivella eżatt mat-*trailer* li jkun irid jigganċja. Ix-xufier lanqas ma għandu għalfejn jinżel minn fuq it-*tugmaster* sabiex iqabbad il-pajpijiet tal-arja li jeħlu għal mat-*trailer* sabiex dan ikun jista' jibbrekja. Saħaq li kemm dakinhar, qabel u wara li seħħ l-inċident huwa qatt ma ta ordni lill-impjegati sabiex jirkbu żewġ persuni fuq it-*tugmaster* u jmorru jniżżlu xi *trailer* minn Ta' Qali jew *kwalsiasi* post ieħor. Barra minn hekk, jgħid li qatt ma sema' lil xi ħadd minn ħutu jew Edin Mujic jagħtu struzzjonijiet hekk kif allegat mill-attur.

22. Edin Mujic, impjegat mal-kumpanija konvenuta bħala *Local Logistics Manager,* u li parti minn xogħlu huwa li jqassam ix-xogħol ta' kuljum fil-*yard* ukoll ċaħad li qatt ta ordni sabiex jitilgħu żewġ persuni fuq it-*tugmaster*, inkluż dakinhar tal-inċident. Anzi tenna li meta ġie nfurmat

bl-inċident baqa' skantat bil-fatt li l-attur kien barra l-bitħa.

23. Aleandro Parnis, ix-xufier tat-*tugmaster,* dakinhar li seħħ l-inċident, xehed[10], li dakinhar tat-3 ta' Jannar, 2012 huwa daħal xogħol u Etienne Mallia tah ordni biex iġib *trailer* minn żewġ kantunieri 'l bogħod. Mar iġibu u l-attur kien qiegħed fuq wara bilwieqfa u x'ħin kien se jikser biex jidħol fil-*gate,* it-trakk skiddja u l-attur inqabad bejn it-trakk u t-*trailer*. Dan ix-xhud jikkonferma li fit-*tugmaster* joqgħod persuna waħda. Mistoqsi kienx soltu li jmorru żewġ persuni biex jinġiebu t-*trailers*, Parnis wieġeb li ma kienx soltu imma l-attur mar miegħu. Qal li ġieli marru tnejn. Huwa qal ukoll li ma kellux liċenzja tas-sewqan. Fil-kontroeżami[11] tenna li Etienne Mallia kien tah l-ordni biex imur iġib it-*trailer* u dak il-ħin kien waħdu. L-istruzzjonijiet jagħtuhom jew Etienne Mallia jew Edic Mujic. Ix-xhud sostna li huwa ma qalx lill-attur biex imur miegħu, però stqarr li ma kienx jaf jekk Etienne Mallia tax ordni f'dan is-sens. Li jaf huwa, li meta waqaf bit-trakk biex tinfetaħ il-*gate*, l-attur tela' fuq wara tat-trakk. Fisser li l-imgħallem qatt ma bagħthom 'il bogħod lit-tnejn li huma fuq dan it-trakk, għalkemm fil-bitħa ġieli, iżda wieħed joqgħod isfel. Barra mill-bitħa qatt. La lilhom u lanqas lil ħaddieħor. Dakinhar tal-inċident, ix-xogħol biex iġib it-*trailer* wettqu waħdu.

24. Ta' rilevanza hija wkoll ix-xhieda tal-avukat tal-kumpanija Joseph

[10] 28 ta' April,, 2016.
[11] 26 ta' Ġunju, 2017.

Calleja[12] li ppreżenta ritratti tat-*tugmaster* meħudin fil-preżenza tiegħu. Huwa fisser kif jaħdem dan it-trakk u jgħid li jista' jitħaddem minn xufier waħdu mingħajr ebda għajnuna. Barra minn hekk, fisser li biex ix-xufier jisganċja l-kontejner m'għandux bżonn jinżel minn fuqu u huwa magħmul apposta kemm iqabbad il-pajpijiet tal-arja mal-kontejner mingħajr ma jinżel mal-art u ssir minn persuna waħedha bla problemi. Din ix-xhieda ma ġietx opposta jew kuntrarjata bi prova konvinċenti min-naħa tal-attur.

25. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant sostna li l-verżjoni li huwa ta, ċjoè li huwa ngħata struzzjonijiet biex imur fuq it-*tugmaste*r flimkien ma' Aleandro Parnis, ġiet korroborata mill-istess Parnis u li għalhekk l-Ewwel Qorti evalwat il-provi b'mod ħażin. Ma jirriżultax li Parnis ikkorrobora għalkollox ix-xhieda tal-appellant. Jirriżultaw diversi inkonsistenzi bejn ix-xhieda tagħhom. Ibda biex, l-attur fl-affidavit tiegħu jonqos milli jgħid min tah l-istruzzjoni biex imur ma' Parnis fuq it-*tugmaster*. Kien biss fil-kontroeżami li huwa semma lil Edin Mujic, bħala dak li kien tah dik l-istruzzjoni. Jgħid li kienu miġburin kollha, filwaqt li Parnis jixhed li kien waħdu meta Etienne Mallia tah l-istruzzjoni biex imur bit-*tugmaster*. Ifisser li kien Ciantar, li hekk kif kien ħiereġ mill-*gate,* tela' fuq it-trakk. Parnis qal ukoll li l-imgħallmin tiegħu qatt ma taw struzzjoni biex barra mill-*yard* jitilgħu fuq it-*tugmaster* żewġ persuni, meta fil-fatt dan huwa maħsub biex jinstaq biss minn persuna waħda u hemm post fuqu għal

[12] 12 ta' Jannar, 2017.

persuna waħda. Parnis jgħid li ġieli kienu tnejn biex jimmanuvrawh iżda biss fil-bitħa tal-kumpanija u wieħed mill-persuni jkun isfel. Għaldaqstant il-verżjoni tal-attur ġiet ikkuntrarjata mhux biss minn Parnis iżda wkoll minn Etienne Mallia u Edin Mujic. Tfisser b'mod ċar li l-mod kif inhu magħmul it-*tugmaste*r jista' jitħaddem u għandu jitħaddem biss minn persuna waħda. Jirriżulta wkoll li qatt ma ngħatat ordni biex it-*tugmaster* jinstaq barra mill-*yard* u fuqu jkun hemm żewġ persuni. Lanqas jagħmel sens ekonomiku li kumpanija tinvesti l-flus biex ikollha ċertu tip ta' vetturi li jistgħu jintużaw minn persuna waħda biex imbagħad tuża żewġ impjegati minflok wieħed.

26. Illi huwa magħruf li l-ħaddiem jista' jkun miżmum responsabbli għall-inċident jekk ma jimxix mal-ordnijiet tal-prinċipal senjatament jekk għamel xi ħaġa speċifikament kontra dawk l-ordnijiet. Il-ħaddiema ma jistgħux jinsew li huma għandhom l-obbligi wkoll li jaraw li mhux qed jissottomettu lilhom infushom għal xi periklu esaġerat, li ma jiħdux riskji żejda u li jinfurmaw lill-imgħallem tagħhom jekk iħossu li hemm xi periklu sproporzjonat (ara f'dan is-sens sentenzi ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited,*** u dik tal-20 ta' Jannar, 1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galdes v. Victor Micallef***).

27. Ġie miżmum fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009 fil-

kawża fl-ismijiet ***Jason Caruana v. Nazzareno Zammit et*** *li, "Bħala employer tal-attur, il-konvenut għandu obbligu li jara li l-lok fejn għandhom jaħdmu l-impjegati jkun liberu minn kull perikolu, però, l-obbligu jestendi għal-lok fejn hu mistenni li l-impjegati jwettqu xogħolhom, u mhux ukoll postijiet oħra fil-viċinanzi fejn l-impjegat mhux mistenni li jmur biex iwettaq il-ħidma tiegħu. Jekk, mingħajr awtorizzazzjoni, u fejn m'hemmx skalapiża, ħaddiem jitla' fuq saqaf ta' fabbrika, u jiżloq għal isfel ma jistax wara iwaħħal f'min iħaddmu għax is-saqaf kien jiżloq! Fil-kawża* ***Mallia v. Baldacchino****, deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru, 1989, min iħaddem ġie eżonorat minn kull responsabbilitì meta l-impjegat weġġa' fuq magna li ma kellux imiss peress li ma kienx xogħlu li jaħdem fuq dik il-magna. Għall-istess raġuni, il-konvenuti m'għandhomx jinstabu responsabbli meta l-attur mar f'post fejn ma kellux ikun".*

28. B'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu, jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu (ara b'eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe***). Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn,

"*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"* (**Froom v. Butcher** CA QB 286 (1976) per Denning LJ) (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Micallef et v. Kevin Azzopardi et***).

29. Fil-każ tagħna jirriżulta li l-attur appellant, dakinhar tal-inċident, minn jeddu għażel li jpoġġi lilu nnifsu f'periklu billi ma jirriżultax mill-provi mressqa li huwa ngħata ordni sabiex imur ma' Aleandro Parnis fuq it-trakk. Madankollu, meħud inkonsiderazzjoni, iċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni din il-Qorti jeħtieġilha tistħarreġ jekk dan il-fatt waħdu (ċjoè li l-attur mar minn jeddu) jeżonerax għalkollox lill-kumpanija appellata, jew kienx hemm ukoll xi ksur ta' dmirijiet u obbligi min-naħa tagħha li kienu l-kawża tal-inċident, jew kienx hemm element ta' kontributorjetà min-naħa tagħha.

30. Illi l-appellant isostni fir-rikors tal-appell tiegħu, li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti l-importanza għall-fatt, li x-xufier Aleandro Parnis lanqas biss kellu liċenzja tas-sewqan u dan billi jidher ċar skontu, kemm

il-kumpanija konvenuta appellata qatt ma tat każ is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

31. L-Ewwel Qorti kkonsidrat dan il-fattur u enfasizzat li kellha d-dubji tagħha dwar kemm kien minnu li l-kumpanija appellata verament tagħti prijorità lis-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, iżda qieset li ladarba l-attur kien qiegħed fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tat-*tugmaster* biss fuq inizjattiva tiegħu, il-ħtija ta' dak li ġralu kienet tiegħu.

32. Illi huwa magħruf li mhux kull stat ta' illegalità jwassal bilfors għar-responsabbilità f'każ ta' inċident. Il-Qrati tagħna osservaw li min ikun responsabbli għall-istat tal-illegalità, mhux neċessarjament ikun responsabbli għall-inċident marbut ma' dak l-istat fin-nuqqas ta' ċirkostanzi oħra li jirradikaw it-tort tal-persuna responsabbli għal dik l-illegalità (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Jason Caruana v. Nazzareno Zammit et***).

33. Jeħtieġ li jiġi ppruvat li hemm ness ta' kawżalità bejn l-inċident u dik l-illegalità. Fi kliem ieħor, fil-każ tagħna kien jeħtieġ li l-attur jipprova li l-fatt li Aleandro Parnis kien qiegħed isuq it-*tugmaster* bla liċenzja tas-sewqan kien il-kawża tal-inċident jew li seta' kkontribwixxa għall-istess. Fl-ebda mument l-attur ma xela lill-istess Parnis li kien b'xi mod negliġenti fis-sewqan tiegħu. Madankollu, fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jixli

lill-kumpanija appellata li hi qatt ma tat każ għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u dan meta jitqies li l-kumpanija appellata qabbdet persuna biex isuq *tugmaste*r meta dan ma kellux liċenzja tas-sewqan.

34. Hekk kif ġie miżmum fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Lulju, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Despott v. Corinthia Palace Hotel Company Limited et:***

> *"hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[13] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem[14] ;*
>
> *Illi huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[15]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[16]"*

35. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni li kull min iħaddem għandu jagħmel ċert li joħloq *a safe system of work* billi jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, billi jwettaq is-superviżjoni meħtieġa u billi jimxi skrupolożament mad-dmirijiet u obbligi legali. Minn

[13] Art. 6(2) tal-Kap 424.
[14] Art. 6(3) tal-Kap 424.
[15] Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ v. George Wells et noe*** (mhix pubblikata).
[16] P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja v. Fino*** (mhix pubblikata).

dak li rriżulta fil-każ tagħna, filwaqt li m'hemmx dubju li l-attur għandu jġorr il-parti l-kbira tal-ħtija tal-inċident li seħħ, billi rriżulta li huwa ma ngħata l-ebda ordni sabiex imur fuq it-trakk u għalhekk huwa ma kellux ikun fuq dak it-trakk, madankollu però l-kumpanija appellata għandha wkoll il-ħtijiet tagħha għal dan l-inċident.

36. Għalkemm mill-provi ma jirriżultax kif inhuma l-ambjenti tal-*yard* u lanqas ma jirriżulta kif kienet il-proċedura li titħaddem meta xufier joħroġ bit-*tugmaster* biex imur jiġbed kontejner minn barra, jidher li xufier ried jgħaddi minn ġewwa *gate* sabiex joħroġ fit-triq. Tant hu hekk li Aleandro Parnis jgħid li l-attur tela' fuq it-trakk meta kien wasal ħdejn il-*gate.* Ma jirriżultax b'liema mod din il-*gate* kienet tinfetaħ jew jekk kienx ikun hemm xi ħadd mal-istess *gate* biex jiftaħha. Mhuwiex ċar mill-atti tal-kawża jekk il-kumpanija appellanti kinitx tħaddem sistema ta' sigurtà u ta' kontroll dwar min kien jidħol u joħroġ minn din il-*gate*. Din il-Qorti tifhimha illi jekk kien hemm għassies mal-*gate*, dan ma kienx ser iħalli lill-attur jirkeb fuq it-trakk, jekk kemm-il darba l-politika tal-kumpanija appellata kienet verament tgħid illi ma setgħetx tirkeb aktar minn persuna waħda fuq dan it-trakk.

37. Imma anke kieku stess, minn imkien ma jirriżulta li l-ħaddiema ngħataw tagħlim jew taħriġ dwar kemm-il persuna setgħet issuq trakk bħal dan. Għalkemm id-diretturi tal-kumpanija jisħqu li kien hemm ordni

fis-seħħ sabiex dan it-*tugmaster* jinstaq biss minn persuna waħda, ma jirriżultax kif tali ordni ġiet ikkomunikata lill-ħaddiema. Dan qiegħed jingħad billi la ġiet preżentata xi prova bil-miktub u lanqas ġie mfisser meta ngħatat tali ordni. Infatti huwa ta' tħassib, li għalkemm Edin Mujic xehed li huwa qatt ma ta ordni biex jitilgħu żewġ persuni fuq it-trakk, madankollu huwa qatt ma qal li kien hemm ordni mill-kumpanija f'dan is-sens li kienet ċirkolata mal-ħaddiema.

38. Il-Qorti tippretendi li l-kumpanija appellata messha ħadmet sistema ta' superviżjoni li tiżgura li ma jitilgħux żewġ xufiera fuq trakk bħal dak inkwistjoni, ladarba jeżisti periklu jekk dan isir. Il-kumpanija appellata mhux talli ma kellhiex din is-sistema ta' superviżjoni f'postha, talli iżda bagħtet persuna biex issuq dan it-trakk, liema persuna ma kellhiex liċenzja tas-sewqan. Dan juri nuqqas ta' serjetà jew *nonchalance* min-naħa tagħha fl-amministrazzjoni tas-sewqan ta' dawn it-trakkijiet. F'din il-qagħda, huwa ta' għajb li direttur ta' kumpanija jixhed li m'hemmx ħtieġa ta' liċenzja ta' sewqan biex tinstaq vettura ta' dan it-tip mhux biss fil-*yard,* iżda wkoll fit-toroq tal-pajjiż.

39. Kif diġà ngħad, il-kumpanija appellata saħqet li kienet tat ordni sabiex *tugmaster* jintuża biss minn persuna waħda. Madankollu, fix-xhieda tiegħu Aleandro Parnis, mistoqsi x'qal lill-attur meta ra li dan tal-aħħar kien tela' fuq it-*tugmaster,* wieġeb li ħaseb li seta' kien bagħtu l-

imgħallem. Din it-tweġiba, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, tixħet dubju serju dwar kemm huwa veru li l-kumpanija appellata kienet tat l-ordni imsemmija. Li kieku tassew kien hemm ordni bħal dan, biex ma jirkbux żewġ persuni fuq it-trakk, allura kien ikun mistenni li x-xufier Aleandro Parnis kien jgħid lill-appellant biex jinżel minn fuq it-trakk jew inkella li jiddeċiedi li ma joħroġx mill-*yard,* jew li jsejjaħ lill-imgħallem tiegħu.

40. Jinżel minn dan kollu, li l-kumpanija appellata naqset milli tħaddem sistema ta' taħriġ u ta' prevenzjoni kontra r-riskji billi tidentifika l-perikli li jistgħu jinħolqu jekk dawn it-trakkijiet jintrikbu aktar minn persuna waħda, u naqset ukoll milli tħaddan sistema ta' kontroll u ta' superviżjoni biex riskji bħal dawn fuq il-ħaddiema jiġu evitati, tant li jidher li l-kumpanija appellata ma ntebħitx li l-attur kien ħareġ minn fuq il-lant tax-xogħol, aħseb u wara kemm intebħet li dan tela' fuq it-trakk b'mod perikoluż. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-appellant għandu raġun limitatment fl-aggravju tiegħu li l-kumpanija appellata trid iġġorr parti mill-ħtija għaliex hija naqset milli timxi mad-dmirijiet tagħha li joħorġu mil-liġi li tirregola s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

41. Jeħtieġ li jiġi ċċarat li din il-Qorti mhijiex qiegħda ssib illi l-kumpanija appellata kellha sehem f'dan l-inċident għas-sempliċi fatt li l-inċident seħħ fuq il-lant tax-xogħol jew għaliex ix-xufier tat-trakk ma kellux liċenzja tas-sewqan, għalkemm wieħed ma jistax jeskludi li t-trakk skiddja sewwasew

minħabba l-inesperjenza tax-xufier. Mod ieħor, din il-Qorti qiegħda ssib ħtija fuq l-istess kumpanija appellata għaliex hija naqset mill-obbligi legali tagħha hekk kif imħarsa mill-**Artikolu 6 tal-Att Dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**.

42. Is-**subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu 6** jipprovdi li min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem. Imbagħad is-subartikolu (2) ta' dan l-Artikolu 6 jelenka l-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, u jgħid li l-miżuri għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ssemmi l-liġi. Fost oħrajn, il-liġi ssemmi: *(a) li jiġi evitat riskju; (b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol; (ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati; (d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati.* Magħdud ma' dan, is-subartikolu (3) tal-Artikolu 6 jipprovdi li:

> "*Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u <u>dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.</u>*"

43. Illi fl-aħħar nett, din il-Qorti tqis ukoll in-nuqqas min-naħa tal-kumpanija appellata li tirrapporta l-inċident lill-Awtorità kompetenti. Dan jixhed atteġġament ta' nuqqas min-naħa tagħha tat-twettiq ta' obbligu

impost fuqha mil-liġi f'ċirkostanza fejn ikun seħħ "feriment gravi" (**Reg. 22(2) tal-A.L. 52/1986 (L.S. 424.09)**) u jwaqqa' ħafna mill-kredibilità tagħha meta tgħid li hija wettqet kulma titlob minnha l-liġi biex tħares saħħet il-ħaddiema tagħha u, b'mod partikolari, saħħet l-attur fil-każ tal-lum (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie sive Francis Caruana v. Polidano Brothers Limited***). Terġa' u tgħid, fil-każ tagħna l-kumpanija appellata lanqas lill-Pulizija ma ndenjat ruħha tgħarraf u kien biss mill-Isptar li l-Pulizija saret taf bl-inċident, u meta uffiċjal mar fuq il-post, il-lok tal-inċident u x-xena kienu mittiefsa.

44. Għaldaqstant fid-dawl tal-prinċipji fuq imsemmija, il-Qorti tqis li filwaqt li l-attur għandu jġorr responsabbilità ta' 80% tal-inċident, il-kumpanija appellata min-naħa tagħha għandha ġġorr il-bqija, ċjoè għandha tinżamm responsabbli b'persentaġġ ta' 20%.

45. Miżmum dan, il-pass li jmiss huwa li jiġi stabbilit jekk l-inkapaċità permanenti li ġarrab l-appellant hijiex konsegwenza diretta tal-inċident, u jekk dan huwa hekk, din il-Qorti għandha s-setgħa bit-tħaddim tal-**Artikolu 233(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li tgħaddi biex tillikwida d-danni hija stess.

46. Tressqu diversi rapporti *ex parte* mill-appellant u anke xhieda.

Huwa jsostni li minħabba dan l-inċident huwa ġarrab kemm diżabbiltà fiżika kif ukoll psikoloġika.

47. Fir-rapporti *ex parte* u mix-xhieda ta' Mr Carmel Sciberras u Mr Massimo Abela hemm qbil li l-attur qiegħed isosfri minn diżabbiltà permanenti. Huma taw persentaġġi differenti ta' diżabbiltà – 14% u 8% rispettivament. It-tnejn huma tal-fehma li din l-inkapaċità hija konsegwenza diretta tal-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol.

48. Fir-rapport tiegħu, l-espert imqabbad mill-Qorti, Mr Frederick Zammit Maempel, wara li eżamina lill-appellant (ħames snin wara l-inċident) u ra wkoll l-eżamijiet radjoloġiċi li saru l-Isptar Mater Dei fit-3 ta' Jannar, 2012 u diversi ritratti oħra fi żminijiet oħra, ikkonkluda li *"ir-riġel tal-lemin ġie għandu ftit anqas saħħa f'ċerti għemilijiet, ġie ftit aqsar u tlitt ċikatriċi li jidhru mill-bogħod".* Fl-opinjoni tiegħu, l-attur *"għandu diżabilità permanenti stmata ta' 10% bħala riżultat tal-inċident ta' Jannar 2012".* In eskussjoni[17], dan l-espert ikkonferma li ma setax kien hemm evidenza ta' xi fattur ieħor li kkontribwixxa għall-inkapaċità fit-trapass ta' żmien bejn l-inċident u d-data ta' meta eżaminah. Mod ieħor, huwa kkonferma li l-inkapaċità permanenti ġejja biss mill-inċident.

49. Din il-Qorti jidhrilha li għandha tistrieħ fuq ir-rapport tal-espert Mr

[17] Seduta tas-7 ta' Mejju, 2018.

Zammit Maempel u tagħti wkoll il-piż probatorju mistħoqq lir-rapport tal-periti *ex parte*. Jiġi nnutat li għalkemm il-kumpanija konvenuta appellata għamlet diversi mistoqsijiet fin-nota tagħha ta' sottomissjonijiet, ma rnexxilhiex tressaq provi kuntrarji biex twaqqa' l-konklużjoni tal-espert mediku. Magħdud ma' dan, il-kumpanija appellata għażlet biss li teskuti lill-perit mediku, iżda ma talbitx għall-ħatra ta' periti perizjuri. Jiġi b'hekk, li hija ma wżatx ir-rimedji kollha li l-liġi ttiha u allura m'għandhiex issa tippretendi li din il-Qorti tiskarta l-konklużjoni milħuqa mill-perit mediku. Barra minn dan, ir-ritratti eżebiti mill-kumpanija appellata ma jiskussawx ir-relazzjoni tal-perit mediku u tal-periti *ex parte* billi ħadd mill-esperti mediċi ma qal li l-attur ma jistax jagħmel eżerċizzju fiżiku.

50. L-appellant sostna wkoll li dan l-inċident kellu effett fuqu wkoll mil-lat psikoloġiku. Huwa ppreżenta r-rapport ta' Dr Mark Xuereb li xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta li l-appellant fittex l-għajnuna ta' Dr Xuereb diversi xhur qabel ma nkiteb ir-rapport li ġie ppreżentat fl-atti. Huwa kkonkluda li l-appellant għandu 20% diżabbiltà. L-Ewwel Qorti nnominat lill-Psikjatra Dr Etienne Muscat li min-naħa tiegħu kkonkluda li l-appellant għandu diżabbiltà ta' 8% u dan b'riżultat tal-inċident u tal-konsegwenzi li l-istess incident kellu fuq ħajtu.

51. Din il-Qorti, fuq nuqqas ta' prova oħra li xxejjen il-konklużjoni tal-espert psikjatriku, tqis li għandha tilqa' wkoll il-konklużjoni ta' dan l-espert

nominat mill-Qorti.

52. Illi f'każ ta' varji diżabilitajiet wieħed m'għandux jieħu t-total tal-persentaġġi, iżda l-*"weighted average"* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ottubru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Camilleri et v. Construct Furniture Company Limited;*** u ***Ian Dimech v. Malta Mediterranean Training Shipping Company Limited et*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021) u din hija l-prassi ġenerali fil-ġurisprudenza (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella***).

53. Fil-każ tagħna huwa meqjus li *weighted average* ta' 12% ikun wieħed ġust.

54. Imiss issa li jiġi kkonsidrat il-*multiplier* li għandu jiġi adottat. Ġie stabbilit ukoll li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru, 1983 fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud v. Carmelo Camilleri)***. Fil-każ tagħna l-attur appellant kien se jagħlaq ħamsa u għoxrin (25) sena meta seħħ l-inċident. Tqis li l-*multiplier* għandu jkun ta' 35 sena *viz.* sakemm l-attur jagħlaq sittin (60) sena. Il-Qorti tagħraf li l-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem tiżdied

kulma jgħaddi ż-żmien, saħansitra anke wara l-età legali tal-irtirar, madankollu min-naħa l-oħra, jeħtieġ ukoll li jittieħed kont tal-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja.

55. Dwar id-dħul tal-attur appellant, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, it-telf ta' qligħ għandu jinħadem fuq id-dħul gross tas-salarju (ara fost ħafna oħrajn ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2021, ***Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2021).

56. Hekk ukoll fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ futur għandu jitqies l-għoli tal-ħajja. Huwa magħruf li minn żmien għal żmien il-pagi jogħlew bħala riżultat tal-inflazzjoni (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Leserlie Caruana v. Brian Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Kemm hu hekk, insibu lista sħiħa ta' sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ħadet qies tal-għoli tal-ħajja fil-komputazzjoni ta' telf ta' qligħ futur (ara bħala eżempju ***Noel Falzon v. Dexter Bianco*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020; kif ukoll, ***Susanne Sammut pro et noe v. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

57. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-appellant isemmi li t-telf ta'

qligħ għandu jkun ikkalkulat fuq il-paga minima, u dan peress li huwa kien ilu jaħdem mal-kumpanija appellata għal madwar sitt xhur biss u minn dakinhar tal-inċident ma ħadimx aktar. Huwa jsemmi li l-kalkolu għandu jkun fuq l-ammont ta' €162.91 fil-ġimgħa, jiġifieri l-paga minima nazzjonali fis-sena bażi 2013[18], b'total ta' €8,433.88 fis-sena. Huwa ppreżenta l-FS3[19] għas-sena bażi 2011 minn fejn jirriżulta, li huwa kien irċieva l-ammont ta' €6,529 gross għal sitt xhur biss. Ippreżenta wkoll l-FS3 għas-sena bażi 2012[20] minn fejn jirriżulta li huwa rċieva l-ammont ta' €2,736. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li jkun raġonevoli li tikkalkula d-dħul fuq il-paga minima għas-sena 2012 (is-sena meta seħħ l-inċident), li skont il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71**, kienet €158.11 fil-ġimgħa, b'total ta' €8,221.72 fis-sena.

58. Meqjus il-fatt li huwa mistenni li l-paga tal-appellant kienet se tiżdied aktar minn €8,221.72, se jsir aġġustament ta' 22% sabiex jogħla d-dħul gross tal-appellant li jwassal għal total ta' €10,030.50.

59. B'hekk jiġi li s-somma li għandha tiġi likwidata favur l-appellant għat-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità permanenti hija:

20%[21] x €10,030.50 x 35 x 12% = €8,425.62

---

[18] Ara **Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71**.
[19] A fol 42 tal-proċess.
[20] A fol 43 tal-proċess.
[21] Billi nstab li l-appellant kien responsabbli inkwantu għal 80% għall-inċident.

60. Induru issa sabiex nikkonsidraw hemmx lok li jiġu likwidati danni oħra konsistenti f'telf ta' salarju u dawk konsistenti f'*damnum emergens*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attur jgħid li minn dakinhar tal-inċident ma ħadimx aktar, b'dan illi ma jsemmix ammonti u inkwantu għad-danni konsistenti f'*damnum emergens* ma jsemmi xejn. Fir-rikors tal-appell ukoll ma jissemma xejn ħlief għat-talba li jiġu likwidati danni. Biss però fl-affidavit tiegħu l-appellant jixhed li jippretendi l-ammont ta' €30,966 rappreżentanti telf ta' salarju kemm dam rikoverat l-isptar u kemm dam biex jirkupra[22]. L-appellant jixhed li minn dakinhar tal-inċident ma ħadimx aktar. Isostni li dan kien peress li baqa' jidher fuq il-kotba tal-kumpanija appellata u qatt ma ġie ċċertifikat biex imur lura għax-xogħol. In kontroeżami qal li l-kumpanija appellata talbitu jirriżenja iżda huwa rrifjuta li jagħmel dan. Għalhekk kienet ommu li ħadet ħsieb il-bżonnijiet tiegħu.

61. L-appellant xehed li huwa tħallas mill-kumpanija għax-xhur ta' Jannar u Frar tas-sena 2012. Imbagħad esebixxa diversi dokumenti li juru li rċieva ammonti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, inkluż li fis-7 ta' Mejju, 2013 irċieva l-ammont ta' €3,968.91[23] mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bħala ħlas ta' darba waħda biss, billi kkonkludew li kellu diżabilità permanenti ta' 17% minħabba li weġġa' fuq il-post tax-

[22] Biex wieħed ikun preċiż, telf ta' salarju ma jaqax taħt il-kappa ta' *damnum emergens* iżda taħt il-kappa tal-*lucrum cessans*. *Damnum emergens* jirreferu għall-spejjeż li jkun nefaq il-vittma minħabba l-inċident, u ċjoè flus li hu jkun attwalment ħareġ u mhux qligħ li jkun tilef minħabba l-inċident li huma riżarċiti bħala *lucrum cessans* (ara ***Marco Joseph Bugeja v. George Fava et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2022).
[23] A fol 37 tal-proċess.

xogħol. Fl-istess nifs, jixhed ukoll li huwa kellem lil Etienne Mallia u saħaq miegħu li kellu jibqa' jitħallas għal sena sħiħa, u testwalment xehed, *"Ngħid li jien kont tħallast tal-perjodu bejn Marzu 2012 sa Settembru 2012 f'daqqa".*

62. Illi minn dan ukoll, din il-Qorti qiegħda tifhem li l-attur appellant tħallas għal disa' xhur sħaħ paga wara l-inċident mill-kumpanija appellata.

63. L-oneru tal-prova kien jaqa' fuq l-appellant sabiex juri li huwa tilef aktar xhur ta' impjieg u konsegwentement ta' salarju minħabba l-inċident. L-appellant naqas li jagħmel dan billi l-atti huma sajma mill-prova tan-natura tal-kuntratt ta' impjieg li l-appellant kellu u għalhekk il-Qorti ma tistax tistħarreġ jekk kienx hemm telf ta' salarju. B'żieda ma' dan, l-appellant baqa' jinsisti li huwa baqa' fuq il-kotba tal-kumpanija appellata iżda prova ta' din id-dikjarazzjoni ma nġabitx.

64. Induru issa għal danni *damnum emergens*. Margaret Ciantar, omm l-attur, issemmi li kellhom jidħlu f'diversi spejjeż kemm f'mediċinali inkluż faxex u dan fl-ammont ta' €100, li kellha tinxtara rampa u binha kien dipendenti fuqha. Biss ebda irċevuti ma ġew preżentati u l-ammont li semma l-attur fl-affidavit tiegħu ma jfissirx lanqas kif wasal għalih. Fil-proċess hemm ukoll l-irċevuta ta' Mr Carmel Sciberras fl-ammont ta' €180, iżda din ma ġietx ikkonfermata bil-ġurament mill-istess tabib meta

tressaq bħala xhud.

65. Din il-Qorti tqis li l-fatt li kien hemm diżgwid dwar ix-xogħol tal-attur mal-kumpanija appellata, l-appellant seta' jieħu l-passi legali skont il-liġi sabiex il-kwistjoni tiġi solvuta. Filwaqt li rriżulta li huwa jbati minn inkapaċità permanenti, ma jfissirx li ma jistax isib impjieg. Ebda mit-tobba ma qal li l-attur ma jistax jaħdem. Il-kumpanija appellata staqsiet mistoqsijiet fis-sens li bdiet tinsinwa li bħala l-fatt l-appellant għandu impjieg ieħor iżda mhux reġistrat skont il-liġi. Dawn l-allegazzjonijiet però ma ġewx ippruvati.

66. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li ma ġiex ippruvat li hemm xi ammont li għandu jiġi likwidat bħala *damnum emergens* u telf ta' salarju.

67. Jifdal il-kwistjoni dwar jekk is-somma likwidata favur l-attur appellant għandhiex tkun soġġetta għar-regola tal-*lump sum reduction* fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).

68. Filwaqt li huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa

miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022 u ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).

69. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005, u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

70. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021).

71. Din il-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata disa' snin wara li nbdew dawn il-proċeduri. Din il-Qorti tara li għandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 2% mis-somma likwidata. B'hekk, is-somma likwidata ta' €8,425.62 għandha tinżel għal **<u>€8,257.11</u>**.

72. Fl-aħħar nett inkwantu għall-imgħax, għandu jitlaq mid-data ta' din is-sentenza. Fuq kollox fl-appell tiegħu l-appellant ma semma xejn dwar ammonti li kien qiegħed jippretendi li jieħu b'dan l-appell. Jgħodd għalhekk il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*.

73. Ladarba l-appell tal-attur qiegħed jintlaqa' limitatment, għandu jkun hemm aġġustament fl-ispejjeż li jirrifletti l-grad ta' responsabbilità għall-inċident.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Samuel Leone Ciantar limitatament u għalhekk qiegħda tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tiddikjara li filwaqt li l-attur appellant għandu jġorr tmenin fil-mija (80%) tar-responsabbilità tal-inċident li seħħ fit-3 ta' Jannar, 2012, il-kumpanija appellata għandha ġġorr għoxrin fil-mija (20%) tar-responsabbilità tal-inċident.

Għaldaqstant filwaqt li tilqa' limitatment it-talbiet attriċi, u sa fejn mhux inkompatibbli ma' dak hawn deċiż tilqa' limitatment l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta u għaldaqstant tillikwida l-ammont ta' tmint elef, mitejn u sebgħa u ħamsin ewro, u ħdax-il ċenteżmu (€8,257.11) bħala danni għall-attur, u tikkundanna lill-istess kumpanija appellata sabiex tħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħax legali jitlaq mid-data ta' din is-sentenza.

Inkwantu għall-ispejjez taż-żewġ gradi, din il-Qorti tqis li filwaqt li l-appellant għandu jbati erba' ishma minn ħamsa ($^4/_5$), il-kumpanija appellata għandha tbati sehem wieħed minn ħamsa ($^1/_5$).

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
| --- | --- | --- |

Deputat Reġistratur
rm